# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 14 ta' Marzu 2023

## Talba numru 49/2022SFJ

## Numru 10

***INGRID DE GRAY***

*(24472M)*

***vs.***

***MARK DE GRAY***

*(425469M)*

**It-Tribunal:**

Ra l-avviż tat-talba ippreżentat fil-15 ta' Frar 2022 li permezz tiegħu l-attriċi talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallasha s-somma ta' elf u ħames mija u disgħin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€1,590.94) rappreżentanti s-sehem dovut minnu rigward spejjeż in konnessjoni mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-erbat itfal tagħhom, oltre l-imgħax skont il-liġi u l-ispejjeż ta' din il-proċedura;

Ra l-verbal tal-udjenza tat-12 ta' April 2022 (fol. 126);

Ra r-risposta tal-konvenuta ippreżentata fid-29 ta' April 2022 li permezz tagħha eċċepixxa:

- L-irritwalità tal-proċeduri stante li t-talba kif dedotta ma kinitx skont il-forma preskritta skont il-liġi;

- Mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, li l-maġġoranza tal-ammonti mitluba mill-attriċi kienu paċuti ma' ammonti mħallsin mill-konvenut, meta tali ammonti, meta kienu dovuti, tħallsu mill-istess konvenut;

- Illi l-konvenut kien diġà nforma lill-attriċi b'dak kollu li ħallas u li kien baqa' biss bilanċ favur tagħha ta' €381.00 li l-attriċi ma aċċettatx li titħallas, u għalhekk il-konvenut ma kellux ibati l-ispejjeż ta' din il-proċedura;

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-14 ta' Marzu 2023.

**L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut**

It-Tribunal ra l-Leġislazzjoni Sussidjarja 380.04, ra d-dikjarazzjoni tal-avukat Dr Rachel Theuma fl-udjenza tat-12 ta' April 2022, u ra huwa stess il-formola *online* li permezz tagħha wieħed jista' jippreżenta elettronikament avviż ta' talba li bih tkun mibdija kawża quddiem dan it-Tribunal. It-Tribunal qabbel il-kliem użati fuq l-avviż tat-talba ppreżentat mill-attriċi mal-kliem fil-formola *online* (li ra huwa stess) u ra li dawn jaqblu perfettament. Fid-dawl ta' dan kif ukoll stante li huwa ovvju li r-Reġistratur aċċetta l-atti, u li l-konvenut ma ħarrikx lir-Reġistratur sabiex forsi b'hekk iġib prova li l-mod kif infetħet il-kawża mhuwiex regolari, it-Tribunal ma jsib ebda irregolarità u għalhekk jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

**Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

L-attriċi tirrileva li hi u l-konvenut għandhom erbat itfal, ilkoll minuri fiż-żmien li nbdiet din il-kawża, kif ukoll tirrileva li skont digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), il-konvenut huwa obbligat iħallas nofs l-ispejjeż konnessi mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri. Il-konvenut ma jikkontesta xejn minn dan.

It-Tribunal jibda billi josserva li fix-xhieda tiegħu, senjatament a fol. 152 u 153 tal-atti, il-konvenut jammetti li għandu jagħti lill-attriċi s-somma ta' €381.00.

Il-konvenut (a fol. 154) jirreferi għall-*Excel sheet* li ppreżentat l-attriċi u jgħid li ma joġġezzjonax għaliha ħlief għal tlett pagamenti mmarkati bil-lewn aħmar. Il-konvenut reġa' ppreżenta l-*Excel sheet* bħala dokument tiegħu, iżda bi tlett kaxex ħomor. Dan id-dokument huwa mmarkat MG1 u jinsab a fol. 186. Skont id-dokument MG1, il-konvenut għandu jagħti lill-attriċi s-somma ta' €349.37. Min-naħa tagħha, l-attriċi, fid-dokument korrispondenti IDG3 (fol. 66), tgħid li l-konvenut għandu jagħtiha €458.75.

Il-konvenut (a fol. 155) jirreferi għad-dokument MG2 (fol. 187) u jgħid li dawn il-pagamenti jirrappreżentaw id-differenzi msemmija fil-paragrafu preċedenti.

Il-konvenut għamel l-istess eżerċizzju bid-dokument MG5 li huwa ppreżenta (fol. 165 u fol. 190). Filwaqt li l-attriċi, fid-dokument IDG4 (fol. 70), tgħid li l-konvenut għandu jagħtiha €870.44, il-konvenut jgħid fid-dokument MG5, li *se mai*, l-attriċi għandha tagħtih €266.65.

It-Tribunal idur issa sabiex jeżamina l-kwistjoni tat-tpaċija u josserva li din il-materja hija rregolata mill-Artikoli 1196 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili.

> *1196. (1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija.*
>
> *(2) It-tpaċija ssir ipso jure, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs.*
>
> *1197. (1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.*
>
> *(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità.*

L-Art. 1197(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid li t-tpaċija ssir **biss** bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus (fost oħrajn). Dan ifisser li qabelxejn irid ikun hemm żewġt idjun. Applikat għall-fatti ta' dan il-każ, irid ikun ifisser li almenu l-konvenut ikun qiegħed jitlob somma li jgħid li hija dovuta lilu permezz ta' kontrotalba. It-tieni element, li joħroġ anki mill-Art. 1197(2), huwa li d-dejn irid ikun ċert f'dik li hija kwantità. Dan jerġa' jeħodna lura għall-ewwel punt, fis-sens li l-konvenut irid jikkwantifika l-ammont li huwa jgħid li għandu jkun paċut. Kieku għamel kontrotalba, kien ovvjament ikollu jikkwantifika dak l-ammont li jgħid li huwa diġà ħallas.

Kif qalet il-Prim' Awla fis-sentenza fl-ismijiet ***Penza Tarmac Limited vs. Żogdi Hydro Rocks Construction Limited et*** (deċiża fit-28 ta' April 2016): "*Jigi osservat li fl-assenza ta' talba rikonvenzjonali mill-konvenuti, it-tpacija gudizzjarja qed tigi wkoll eskluza.*"

Fis-sentenza ***Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni vs. Emidio Azzopardi pro et noe*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju 2005), ingħatat spjegazzjoni eżawrjenti tal-istitut tat-tpaċija.

> "*(1) Fis-sistema tal-ligi taghna presuppost specifiku tat-tpacija hi l-ko-ezistenza ta' zewg krediti ta' tnejn minn nies [Artikolu 1196 (1), Kodici Civili]. Di regola, bhala mod ta' estinzjoni ta' l-obbligazzjonijiet hu postulat li l-krediti kontrapposti jidderivaw minn rapporti distinti, u mhux minn rapport uniku. Dan*

> *huwa bil-wisq logiku in kwantu jekk jemergu mill-istess rapport si tratta ta' semplici kontabilita` fejn min hu msejjah biex jarbitra jew jiggudika jista' jipprocedi anke minghajr l-eccezzjoni specifika tat-tpacija mill-parti jew tal-proposizzjoni ta' talba rikonvenzjonali;*
>
> *(2) It-tpacija legali testingwi ope legis il-kreditu kontrapposti ghall-fatt oggettiv tal-ko-ezistenza taghhom u minghajr ma jkunu jafu d-debituri [Artikolu 1196 (2), Kodici Civili];*
>
> *(3) Ir-rekwiziti necessarji biex topera t-tpacija legali huma c-certezza, il-likwidita` u l-ezigibilita` tal-kreditu (Artikolu 1197, Kodici Civili) intizi, s' intendi, skond kriterji obbjettivi indipendentement mir-rikonoxximent tal-kontroparti. Naturalment l-elementi ta' fatt li fuqhom tigi akkampata t-tpacija jridu jigu provati b'mod komplet u univoku mill-parti li tissolleva l-eccezzjoni. Ghaldaqstant, "ma jistax ikun hemm lok ghall-kompensazzjoni jekk iz-zewg debiti ma jkunux likwidi u ezigibbli" (Kollez. Vol. XXXI P I p 8). Ukoll "il-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha ipso jure ghar-rigward ta' kreditu li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra" (Kollez. Vol. XXXVII P I p 490);*
>
> *(4) Hi pero` ammessa l-kompensazzjoni gudizzjali, bhala distinta mit-tpacija legali, fl-ipotesi fejn il-kreditu oppost hu ta' facli likwidazzjoni (Kollez. Vol. XXXI P I p 435). Similment pero`, bhat-tpacija legali, il-kompensazzjoni gudizzjali hi eskluza jekk jinstab li l-likwidazzjoni ma tistax issir malajr jew fejn il-kreditu jkun ghad irid jigi determinat f'gudizzju separat. Ara Kollez. Vol. XXXIX P I p 54; Vol. XLVIII P II p 764;*"

It-tagħlim suddett isib applikazzjoni f'dan il-każ. Fil-fehma tat-Tribunal, bil-kliem tas-sentenza appena ċitata, l-elementi ta' fatt li fuqhom tiġi akkampata t-tpaċija ma ġewx ippruvati b'mod komplet u univoku mill-parti li ssollevat l-eċċezzjoni. Anzi, f'dan il-każ, il-konvenut sempliċiment għamel notamenti tiegħu fuq verżjonijiet ta' dokumenti li ppreżentat l-attriċi u f'ebda punt ma qal eżattament b'kemm għandu jonqos l-ammont pretiż mill-attriċi. It-Tribunal ukoll jara lok sabiex jeskludi l-kompensazzjoni ġudizzjali billi l-ewwelnett **m'hemmx** kreditu oppost, u anki jekk (*gratia argomenti*) hemm kreditu oppost, dan mhuwiex ta' faċli likwidazzjoni u jista' jkun li għandu jiġi ddeterminat f'ġudizzju separat. Ovvjament, dan seta' kien evitat kieku saret kontrotalba jew kieku almenu l-konvenut ipprovda somma ċara li skont hu, kellha tkun paċuta kontra s-somma pretiża mill-attriċi.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi:

i. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut; u

ii. Jilqa' t-talbiet kollha tal-attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf u ħames mija u disgħin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€1,590.94), bl-imgħax li għandu jkun ikkalkulat b'rata mhux ogħla mill-ogħla rata li tippermetti l-liġi, u dekorribbli separatament għal kull spiża elenkata mill-attriċi skont id-data li fiha tkun saret l-ispiża.

L-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**